MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. LAURENCE QUINTANO

Seduta tal-21 ta' Gunju, 2006

Numru. 1088/2005

**Il-Pulizija**
**(Spettur Carmelo Abdilla)**

**versus**

**Alfred Gialanze**

Il-Qorti

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Alfred Gialanze ta' 23 sena iben Alfred u Lora nee Bonello imwieled Pieta' fit-18 t'awwissu 1982 u residenti Block 16E Flat No.1 Triq il-Gendus Bormla (illum residenti 41 Saint Joseph Street Paola) detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 446982 (M)

Akkużat talli

F'San Ġiljan nhar it-2 ta' Diċembru 2004 f'xi ħin bejn l-4.00 p.m. u l-5.30 pm ikkommetta serq ta' diversi għodod

minn fond taħt kostruzzjoni sitwat fi Triq il-Qalb Imqaddsa San Ġiljan liema serq li huwa kwalifikat bil-valur li jeċċedi Lm100 iżda li ma jeċċedix Lm1,000 u dan sar għad-detriment ta' Christopher Muscat mill-Mosta u Marco Micallef minn Birkirkara;

Rrenda ruħu reċediv ai termini ta' l-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta b'sentenzi mogħtija lilu mill-Qorti tal-Maġistrati Malta Dr.Givoanni Grixti datata 29 ta' Jannar 2001 liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel.

Rat l-atti kollha tal-proċess inkluż l-interrogatorju ta' l-imputat, il-kunsens ta' l-Avukat Ġenerali sabiex dawn il-proċeduri jkunu sommarji mogħti fl-1 ta' Diċembru 2005, il-kunsens ta' l-imputat sabiex dawn il-proċeduri jkunu sommarji, liema kunsens huwa kkonferma wara li ngħatalu żmien biex jirrifletti, l-istqarrija ta' l-imputat magħgmula fil-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija fit-8 t'Ottubru, 2005, it-tweġiba ta' l-imputat li huwa ħati, tweġiba li kkonferma wara li ngħatalu ħin biżżejjed biex jaħsibha, il-korrezzjoni f'isem l-imputat li ntalbet mill-Prosekuzzjoni u li l-Qorti awtorizzat waqt li l-imputat ta ruħu notifikat.

Ikkonsidrat li ġaladarba l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet dedotti kontrih, dawn kienu ppruvati skond il-Liġi. Iżda d-difiża sottomettiet li fis-sentenza mogħtija fid-29 ta' Jannar 2001, ma kienet ingħatat ebda kundanna iżda kienet saret Probation Order fil-konfront ta' l-imputat għall-perjodu ta' tliet snin. Għall-finijiet ta' l-artikoli 49 u 50 ma kienet ingħatat ebda 'piena' u għalhekk m'għandhiex tapplika r-reċidiva. Barra dan l-imputat ma kisirx il-kundizzjonijiet tal-Probation Order minħabba li r-reat twettaq **wara** li kien intemm il-perjodu tal-Probation. (Dan spiċċa fid-29 ta' Jannar 2004).

Jidher ukoll li l-imputat seraq barmil bl-għodda, wire extension, tliet invellijiet, tliet kziezel, żewġ skwerri u xi għodda oħra rqiqa. Wara sottomissjonijiet dwar il-valur magħmula mill-partijiet, il-Qorti qed tiddeċiedi li s-serqa kienet tammonta għal Lm150.

Il-Qorti, wara li rat l-artikolu 261(f), 267, 279(a) tal-Kap 9 issib lill-imputat ħati ta' l-ewwel imputazzjoni kif dedotta iżda mhux tat-tieni imputazzjoni. Il-Qorti, minflok ma qed tikkundanna lill-imputat qed tpoġġih taħt il-ħarsien ta' Probation Officer għall-perjodu ta' tliet snin mil-lum ai termini ta' l-artikolu 7 tal-Kap 446. Qed tordna wkoll lill-imputat iħallas Lm150 kumpens lid-derubat. Dan qed isir ai termini ta' l-artikolu 24(1)(2) tal-Kap 446. Il-Qorti fehmet lill-imputat kemm l-artikolu 7 tal-Kap 446 kif ukoll l-artikolu l-artikolu 24 ta' l-istess Kap. Tibqa' inpreġudikata kull azzjoni tad-derubat għal xi kumpens akbar min dak iffissat mill-Qorti. (Ara: 24(2) proviso tal-Kap 446).

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------